

**Domanda preliminari**

Il-leġiżlazzjoni Taljana li tikkonċerna l-metodu tal-kalkolu tat-tariffa annwali li huma suġġetti għaliha l-persuni kollha li jeżerċitaw attività ekonomika, sa fejn hija tipprevedi li n-negożjanti individwali għandhom iħallsu tariffa annwali ta' natura fissa (EUR 200 jekk ikunu mniżżla fit-taqsimha ordinarja jew inkella EUR 88 jekk ikunu mniżżla fit-taqsimha speċjali); li l-soċjetajiet ċivili agrikoli għandhom iħallsu tariffa annwali ta' natura fissa ta' EUR 100 (minbarra EUR 20 għal kull unità lokali); li l-unitajiet lokali u/jew sedi sekondarji ta' impriżi li jkollhom is-sede tagħhom barra mill-pajjiż iħallsu ammont fiss ta' EUR 110; li s-soċjetajiet ċivili li jkollhom għan soċjali mhux agrikolu jħallsu ammont fiss ta' EUR 200; li s-soċjetajiet ta' avukati jħallsu ammont fiss ta' EUR 200, filwaqt li s-suġġetti ekonomiċi kollettivi l-oħra (kumpanniji, konsorzja, eċċ.) huma obbligati għall-ħlas ta' "tariffi li jkunu jikkorrispondu għall-dħul mill-bejgħ tas-sena preċedenti" (u b'hekk jistgħu jaslu li jħallsu sa EUR 40 000), tmur kontra l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/7/KE <sup>(1)</sup>, tat-12 ta' Frar 2008, safejn hija timponi obbligu iktar oneruż għall-eżerċizzju tal-attività kummerċjali mwettqa minn kumpannija b'kapital azzjonarju (frażi li hija intiża fis-sens wiesa' tagħha kif huwa l-każ fl-imsemmija direttiva Komunitarja) meta mqabbel ma' dak impost fuq l-eżerċizzju ta' attivitajiet ta' impriża mwettqa minn impriża individwali?

<sup>(1)</sup> Direttiva tal-Kunsill 2008/7/KE, tat-2 ta' Frar 2008, dwar it-taxxi indiretti fuq il-ġbir tal-kapital (ĠU L 46, p. 11)

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte Suprema di Cassazione (l-Italja) fit-22 ta' Ottubru 2012 — Panasonic Italia SpA. vs Agenzia delle Dogane**

(Kawża C-472/12)

(2012/C 399/25)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Qorti tar-rinviju**

Corte Suprema di Cassazione

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Panasonic Italia SpA.

Konvenuta: Agenzia delle Dogane.

**Domandi preliminari**

- (1) Prinċipalment, skrin tal-plażma tal-kulur (ta' daqs li jikkorrispondi ma' djagonali ta' 106,6 cm, li għandu żewġ loudspeakers u remote control u li għandu dispożittiv ta' aċċess diġà previst sabiex tiddaħħal video card (ta' spiża żgħira ħafna, li tista' faċilment tinkiseb u tiddaħħal), li ma huwiex importat mal-iskrin u li, ladarba jiddaħħal, l-iskrin, li jista' jiġi konness mhux biss ma' magni awtomatiċi ta' pproċessar tal-informazzjoni, iżda wkoll ma' apparat ta' reġistrazzjoni u ta' riproduzzjoni vidjofoniċi, ma' DVD readers, ma' camcorders u ma' riċevituri tat-televiżjoni bis-satellita, ikun jista' jirċievi sinjali komposti AV, għandu jiġi kklassifikat fis-subintestatura 8471 jew fis-subintestatura 8528, qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 754/2004 <sup>(1)</sup>?
- (2) F'każ ta' risposta negattiva għad-domanda preċedenti, il-Qorti Ewropea hija mitluba tevalwa u tiddeċiedi jekk il-klasifikazzjoni ta' tali skrin fis-subintestatura 8528 hijiex minnaħa l-oħra imposta mir-Regolament (KE) Nru 754/2004 u;
- (3) F'każ ta' risposta affermativa għal din id-domanda — jekk id-dispożizzjonijiet previsti f'dan ir-rigward minn dan ir-regolament humiex tali li jiġu kkunsidrati jew le bħala interpretattivi u, minħabba dan il-fatt, retroattivi bil-kundizzjoni tal-applikabbiltà ta' dispożizzjonijiet preċedenti espressi fsens kuntrarju.

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 754/2004, tal-15 ta' April 2004, dwar il-klasifika ta' ċerta merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 16, p. 93).